# IL-WIRT NAZZJONALI JISTA' JKUN PARTI MIL-LEGAT TIEGĦEK GRAZZI GĦALL-KUNĊETT TAL-PATRUNAT IMNIEDI MINN HERITAGE MALTA

**Stqarrija | 7 ta' Marzu 2024**

Heritage Malta għadha kemm nediet il-kunċett tal-patrunat, fejn qed toffri diversi għażliet lill-membri tal-pubbliku biex jagħmlu l-wirt nazzjonali parti mil-legat tagħhom billi jsiru patruni tal-aġenzija.

Dawk li jagħżlu li jsiru patruni ta' Heritage Malta se jkunu qed jagħtu appoġġ lill-aġenzija b'diversi modi, filwaqt li huma stess igawdu esperjenzi esklużivi u jieħdu sehem f'attivitajiet apposta għalihom li jeħduhom fil-qalba tal-wirt storiku nazzjonali. Madankollu, il-patrunat ta' Heritage Malta jmur ferm lil hinn minn sempliċi aċċess għas-siti jew sens ta' appartenenza – l-ewwel u qabel kollox hu marbut mat-tisħiħ tal-identità kulturali għanja tagħna u mal-investiment fir-restawr u l-ħarsien tal-wirt nazzjonali għat-tgawdija tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

Il-patrunat ta' Heritage Malta hu maħsub għal kulħadd, kullimkien. Għalhekk l-aġenzija fasslet għażliet flessibbli ta' patrunat li jappellaw għal gosti u ċirkustanzi differenti.

L-Iskema tal-Passaporti ta' Heritage Malta tiżgura dħul b'xejn għal kulħadd, benefiċċju li ma nbidilx. Madankollu, l-inizjattiva l-ġdida tas-Sħubija Privata, immirata lejn individwi u koppji li jixtiequ jiskopru l-istorja ta' pajjiżna b'mod profond, twiegħed vjaġġ aktar imżewwaq u immersiv. Imfassla għal individwi u koppji għatxana biex jesploraw il-wirt storiku għani ta' Malta, is-Sħubija Privata toffri vantaġġi esklużivi. Dawk li jagħżlu dan it-tip ta' patrunat se jkunu mistednin jidħlu wara l-kwinti u jaraw artefatti oriġinali qabel kulħadd. Huma intitolati għal dħul b'xejn bla limitu f'24 mużew u sit, kif ukoll għal aċċess għal siti magħluqin waqt avvenimenti speċjali.

Il-Patrunat Korporattiv hu maħsub għal negozji u kumpaniji li jixtiequ jkunu sponsors ta' Heritage Malta. Dawn se jgawdu avvenimenti uniċi u intimi u se jingħataw għarfien pubbliku għall-għotjiet filantropiċi tagħhom.

Il-Patrunat tal-Legat jistgħu jagħżluh dawk li fit-testment tagħhom jixtiequ jħallu xi tip ta' għotja lil Heritage Malta u b'hekk jiżguraw li l-legat tagħhom iħalli impatt fit-tul. Il-legat mhux bilfors jinvolvi l-flus. Persuna tista' tagħżel li tħalli kollezzjoni, b'moħħha mistrieħ li Heritage Malta se tindokraha u tippreservaha għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

Wieħed jista' wkoll isir patrun permezz tal-volontarjat. Din hija opportunità ideali għal min jixtieq jiddedika ftit minn ħinu biex jgħin lil Heritage Malta fit-twettiq tal-missjoni tagħha, filwaqt li jitgħallem aktar dwar l-operat u l-kollezzjonijiet tal-aġenzija.

Għażla oħra ta' patrunat hija dik tal-kollaborazzjonijiet. Heritage Malta qed toffri opportunitajiet li huma ta' benefiċċju mhux biss għaliha iżda wkoll għal banek, kumpaniji privati, lukandi, stabbilimenti tal-ikel, operaturi tal-vjaġġi, gruppi tar-re-enactment, dipartimenti tal-gvern, kunsilli lokali, u għaqdiet u NGOs oħra li jikkollaboraw mal-aġenzija bi skambju ta' riżorsi u servizzi. Il-

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

kollaborazzjonijiet jistgħu jvarjaw minn sponsorship dirett għall-iffirmar ta' ftehim dwar il-maniġġar ta' siti partikolari, opportunitajiet ta' żvilupp tal-istaff, kif ukoll skambju ta' studenti, impjegati u riżorsi.

F'kumment dwar l-inizjattiva ta' Heritage Malta għall-patrunat, Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv tal-aġenzija, enfasizza li din l-inizjattiva timxi id f'id mas-slogan tal-aġenzija 'Parti Minna'. Huwa saħaq li s-sħubija fl-iskema tal-patrunat hija stedina mill-qalb lil dawk kollha li jaspiraw li jkunu parti integrali mill-missjoni u l-viżjoni ta' Heritage Malta.

Il-kontribut li se jagħtu l-patruni se jiġi investit lura fis-siti ta' Heritage Malta, u b'hekk jgħin biex dawn jibqgħu miftuħin għall-pubbliku, ikkonservati u protetti. Bl-appoġġ tal-patruni, Heritage Malta tkun tista' wkoll tkompli tagħmel skoperti kbar dwar l-istorja ta' pajjiżna. Min-naħa tagħhom, il-patruni se jgawdu mill-ġenerożità tagħhom stess permezz tal-bosta opportunitajiet, flimkien ma' sens qawwi ta' sodisfazzjon, li l-patrunat iġib miegħu.

Aktar tagħrif dwar il-kunċett tal-patrunat ta' Heritage Malta jinsab hawn: https://patronage.heritagemalta.mt/

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta